# werrej


*Preżentazzjoni kritika ta' Dr Oliver Friggieri* . . . . . . . . . . . 9
It-tmien Kontinent . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 25
Triq il-progress . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 62
It-taqsima CF/13 tal-Mediterran . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 90
Roqgħa blat . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 123
Pizzi-Pizzi-Kanna . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 139
Ċikku bidel ismu . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 156
Il-festa tal-verità . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 160
Żepp u Grace . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 168
Konferenza . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 173
Ċesri . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 180
Il-ġenna tan-nannu Marg . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 186
Li kieku ... . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 198

*Kukkarda ħamra*

Trid kukkarda ħamra? . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 205
F'ġieħ il-biża' . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 228

*Siltiet*

Riħ . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 243
Ġimgħa l-Kbira . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 245
Rebbiegħa . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 248
Mar? . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 250
Folla . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 252
Cul-de-sac . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 254
Waqtiet ... . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 256
Frotta . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 258
Qatt . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 260
Tħobbni – ma tħobbnix . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 262
Dell . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 265
Żerniq . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 267
Deheb . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 269
Musbieħ il-lejl . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 272
Id-dielja . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 274

# IT-TMIEN KONTINENT

*Rebbieħa tal-Ewwel Premju f'Konkors imniedi mill-Grupp Awturi fl-1977*

Dik il-għodwa s-sħab sebaħ artab, aktar missoltu. Il-folla ġriet minn fuq sħaba għal oħra, taqbeż u togħla b'pass ħafif sa ma waslet fin-nofs u waqfet madwar Nettunu. Dan kien imxaħxaħ ġol-irtab sħaba li kien hemm. Waqfu jħarsu lejh b'għajnejhom iżebbġu jistennew xi kelma minn fommu. Iżda Nettunu baqa' b'ħalqu magħluq. Ġerra ħarstu lejhom ilkoll, tbissmilhom u reġa' għalaq għajnejh. Veneri ddejqet tara dik l-indifferenza kollha.

"Kollox sew Nett," qaltlu tonfoħ u xxengel spallejha, "ħaqqek prosit! Qatt ma konna nobsru li kelmtek iżżommha daqshekk!"

L-oħrajn donnhom dak li kienu qed jistennew. Niżlu bilqiegħda ħdejn Nettunu u b'leħen wieħed ġol-ieħor bdew itennulu:

"Xi ġmiel ta' baħar sar!"

"Xi kħula ta' mewġ!"

“Ikun imfaħħar seħibna Nettunu!”

Għal dan l-inċens kollu Nettunu ma felaħx jibqa’ b’għajnejh magħluqin. Teptiphom, bexxaqhom kemxejn, tqalleb ftit ’l hawn u ’l hinn u waqt li strieħ mal-foxxna qam bilwieqfa. Il-leħja ħadranija nfetħet u tgerbbet sa ma t-tarf tagħha waqaf jitbandal mal-qasab ta’ saqajh.

“Niżżikom ħajr,” qalilhom bi tbissima mġebbda, “qed nieħu gost li l-għemejjel tiegħi għoġbukom. Issa ħadd ma jista’ jgorr li l-artijiet tan-nofs m’għandhomx baħar li jixirqilhom. Issa, minflok iż-żewġ għadajjar ta’ bejn l-Afrika u t-Tramuntana għandkom baħar sħiħ. Hux ta’ kelmtu Nettunu?”

“U l-Afrika nqatgħet għaliha weħidha,” qalet Djana eċċitata.

“Il-pont li kien jgħaqqadha mat-Tramuntana m’għadux jidher aktar,” żied magħha Bakku.

Nettunu reġa’ nxteħet jistrieħ fuq is-sħaba favorita tiegħu u qagħad jitpaxxa bl-aġġettivi sbieħ ta’ ħbiebu. Issa ħassu tassew ma jonqsu xejn. Il-ħsieb li kien ilu jberrinlu moħħu sekli sħaħ kien wettqu. Dik in-nitfa art bejn l-Afrika u Spanja kienet ilha tħassbu. Kien jaf tajjeb li jekk jirnexxilu jfarrakha, l-ilmijiet tal-oċean jidħlu bil-qawwa tagħhom kollha, ifawru l-għadajjar u l-art kollha ta’ bejn l-Afrika u t-Tramuntana ssir baħar mill-isbaħ. Sa fl-aħħar il-ħolma seħħet. U l-baħar li twieled kien bil-wisq isbaħ milli qatt

basar. Issa għad irid jara x'se jaqbad isemmih. Apollu ssuġġerixxa li jsejħulu 'Baħar Nofsani' u Djana ħarġet bl-isem 'Baħar il-Ġmiel'. Iżda l-ebda isem ma kien għadu laqtu. Forsi l-kbir Ġjove joħloq isem hu. Dak kienet l-għaxqa tiegħu jagħti l-ismijiet u jaqta' ż-żigarelli.

Waqt li Nettunu kien mitluf f'dal-ħsibijiet, Apollo qam minn postu, ħareġ ġo nofs iċ-ċirku u b'leħen ħelu daqs id-daqq taċ-ċimblu beda jgħid:

"Jien inħossni hieni daqskom bl-għeġubijiet li wettaq Nettunu. Ta' dan ħaqqu kull qima u Ġjove żgur li jinsab ferħan se jtir. Biss, inħoss li x-xogħol seta' sar kemxejn aħjar."

Għal dal-kelmiet Nettunu tar minn fuq is-sħaba u waqaf dritt xemgħa bil-foxxna stirata bejn idejh.

"X'int tgħid Apollu?" staqsieh b'leħen fgat waqt li l-leħja ta' madwar ħalqu bdiet tirtogħod bl-infiħ, "fejn ma ħdimniex bil-għaqal?"

"Toħodhiex kontra tiegħi, Nett," kompla Apollu bid-daqq taċ-ċimblu, "imma ħarsu 'l isfel. Baħar tassew sabiħ. Jgħaxxqek ... biss imbagħad, 'l hawn u 'l hinn għad baqa' ħafna tikek, gżejjer bla ħajra ta' xejn. Gżejjer li 'l quddiem għad ifixklu l-kummerċ u jkunu ta' periklu għall-baħħara. Għax ma ħallejtx l-ilmijiet jgħattuhom u l-baħar il-ġdid ikun komplut bla l-ebda dabra?"

L-allat tawlu ħarsithom 'l isfel. Il-baħar il-ġdid

kien jidher donnu mera. Kull fejn tħares tilmaħ biss mewġ jagħti bir-ras u jitliegħeb. Iżda sewwa kien qal Apollu. Kien hemm ħafna gżejjer żgħar bla bżonn. Dawk għalfejn tħallew fil-wiċċ?

"Ma stajtx nagħmel mod ieħor," qabeż Nettunu wara li hu wkoll ta titwila lejn il-frott ta' setgħetu, "dawk il-gżejjer kienu lkoll muntanji għoljin. Biex ngħarraq lilhom kien ikolli ngħarraq ukoll biċċa kbira mix-xtut tal-Afrika u t-Tramuntana. Deherli li ma kienx jaqbel. Wara kollox, ftit gżejjer 'l hawn u 'l hinn jiksru l-monotonija."

"Il-kbar kollox sew," wieġbu Apollo, "naqbel miegħek. It-tnejn tal-lemin u t-tnejn tax-xellug huma kbar biżżejjed. Jidhru sew u mhuma tal-ebda periklu. Anki dik tan-nofs li tiġi sewwasew taħt l-ilsien f'għamla ta' riġel. Dik ukoll ma ttellifx. Iżda mbagħad xi ngħidu għal dawk iż-żgħar? B'mod speċjali dik it-tikka tan-nofs! Dik xi tħalliet tagħmel?"

Veneri għammxet għajnejha u ħarset 'l isfel. Lanqas kienet intebħet biha qabel dik il-biċċa blata f'għamla ta' burqax. Kellu raġun Apollu. Dik għax ma twarrbitx min-nofs?!

"Sewwa qed jgħid l-għaref Apollu," qalet Veneri meta xebgħet tħares lejn il-burqax, "gżira bħal dik għad tara ħafna fuq wiċċha minħabba ċ-ċokon tagħha. L-artijiet il-kbar ikunu jistgħu jiftaħru bi storja glorjuża, bi ġrajjiet epiċi u atti erojċi. Iżda dik id-daqsxejn ta' laqxa biex

qatt tista' tiftaħar? X'qatt tista' tagħmel ħdejn l-artijiet il-kbar?!"

"Brava Veneri," qatgħelha kliemha Apollu, "qed titkellem tassew ta' għarfa li int." Imbagħad għolla leħnu u waqt li dar fuq sħabu qalilhom: "Ħbieb, ma rridux inħarsu biss lejn il-preżent. Irridu ntawlu ħarsitna lejn il-ġejjieni wkoll. Għalhekk aħna allat. Għalhekk Ġjove fdalna lill-bnedmin f'idejna. Jeħtieġ li nħarsuhom bil-għaqal u bis-setgħa kollha tagħna."

"U x'tissuġġerixxi li jsir?" staqsieh Nettunu b'leħen kalm iżda mimli aċċenti ta' rabja.

"Ejjew inħarsu ftit lejn il-ġejjieni," wieġbu Apollu. U fil-pront is-sħab beda jitqalleb u jdur, u minn ġon-nofs tfaċċat boċċa kbira tal-kristall. L-allat daru ċirku tond madwarha u żammew id f'id. Il-boċċa saret donnha qawsalla u l-ilwien ta' ġo nofsha bdew jiċċaqalqu. Bdew jingħaqdu flimkien u jinfirdu sa ma sawru figuri ta' bnedmin, ta' bini u ta' siġar.

* * *

Il-misraħ kien mimli bin-nies. L-ilsna tan-nar kienu qed inemnmu ġol-urni tal-lemin u tax-xellug. F'riġlejn il-monument-trittiku l-kuruni tar-rand kienu mixħutin waħda fuq l-oħra biż-żigarelli bojod u ħomor imperrċin u bl-istrixxi tal-kartonċin kbar u ċassi mtebbgħin bl-ismijiet

tal-każini, soċjetajiet, għaqdiet, klabbijiet u unjons. Kien hemm skiet qaddis. Jinstama' biss il-leħen imriegħed tal-kelliem anzjan. Kien qed iħambaq b'leħen imqanqal, bħal donnu qed jibki jew jokrob jew jitniehed.

"Gżira ċkejkna fid-daqs," kien qed jitbekka l-kelliem, "iżda mhux le fl-istorja. Żgħira fil-medda, iżda mhux le fil-qlubija ... Meta l-qawwa tal-Imperu Ottoman inxteħtet bil-ħruxija tagħha kollha b'ħalfa li tisħaq id-Din Nisrani, kienet din l-istess gżira ċkejkna li ppuntat sidirha tal-azzar u xarrbet l-imrammi ta' blietha bid-dmija. Ħallew ħajjithom bosta Maltin. Mietu nisa, irġiel, żgħażagħ u tfal, iżda l-anġli tar-rebħa ttajru ġo smewwiet kaħlani u l-Mislem mar lura mnejn ġie, imkasbar u mmiegħek ġot-tajn. Kienet din l-art daqs tikka li ħelset lit-Twemmin Nisrani minn taħt idejn il-qilla tat-Tork u salvat lill-Ewropa mit-tkażbir. Tista' art hekk ċkejkna twettaq għemejjel akbar minn hekk?!

"... U l-għajta ta' Fraternità, Libertà u Ugwaljanza kienet qed tkaxkar lill-Ewropa kollha magħha. Napuljun, taħt il-maskra ta' rivoluzzjoni soċjali, kien qed jisraq il-knejjes tagħna, jipprofana l-ħwejjeġ l-aktar għeżież għalina u jerda' demm il-fqir. Did-darba wkoll il-gżira ċkejkna messha sehem mill-ħruxija tat-Tliet Ilwien. U l-ulied fidili tagħha reġgħu ċarċru demmhom taħt l-azzarini Franċiżi u sofrew

kull moħqrija. Iżda meta waslet is-siegħa qamu ħuġġieġa. U fejn ma sabux l-azzarin refgħu l-midra u nxteħtu fuq l-għadu bħal ilpup. Did-darba wkoll gżiritna reġgħet ħelset lill-Ewropa mill-ħruxija tad-dittatur.

"… Saħansitra fi żminijietna nibtu dittaturi ġodda. Did-darba l-ġlieda kienet eħrex u l-vittmi kienu akbar. Ħafna minna għadhom jiftakruh it-twerżiq tal-balal u l-biki tar-romol u l-iltiema. L-għadu ġie għalina minn kull naħa u batejna mhux biss il-ġuħ u l-mard, mhux biss tlifna lil żwieġna, lil uliedna u lil missirijietna, iżda saħansitra ħarbtulna djarna, u blietna u l-egħżeż ħwejjeġ li qatt kellna. Iżda bqajna b'rasna merfugħa u l-bandiera bajda QATT ma ttajret fuq bjutna. Li kieku ċediet gżiritna, l-Ewropa kollha kienet tegħreq.

"Imbierka dil-gżira ċkejkna li għal qlubitha qatt ma tidher oħra bħalha. U nagħlaq billi naqralkom dan l-epigramm li ktibtu proprju jien u ġej hawnhekk. Semmejtu …"

U xi wħud qabżilhom id-dmugħ minn għajnejhom. Indaqqu l-*bugles* u waqa' s-skiet. L-ilsna tan-nar ġol-urni telgħu jiddandnu masseba' sema. U meta kollox intemm, il-folla tferrxet. Polly u Mary daħlu jaraw *film-talkies*. Is-Sinjura Erminja marret tipprova libsa tal-*evening* u Freddie u Lucy irħewlha lejn Hastings biex joqogħdu jbagħbsu taħt is-siġar taċ-ċipress.

Baqa' biss il-kuruni tar-rand bl-ismijiet tal-każini jinqraw minn mil bogħod u l-monument-trittiku b'geddum sal-art iħares lejn il-Qorti.

# 2

Bakku kellu għajnejh qed jgħumu. Daqskemm daħaq bil-qalb u nqaleb minn sħaba għal oħra ħass żaqqu se tinqasam. Daħqa bħal dik kienet isbaħ mill-inbejjed kollha ta' saltnatu. Djana xtaqet titkellem u tgħid xi ħaġa, iżda dak il-ħali ta' Bakku kien għadu jinbaram u jitħabbel ġonnokkli ta' leħjitu. Sa fl-aħħar it-tagħrixa tmewtitlu u trekken kokka mal-art jogħrok għajnejh.

"Nagħmlu sew li nħarsu lejn il-ġejjieni," bdiet tgħidilhom Djana tiżżegleg 'l hawn u 'l hinn. Hi u titkellem, xuxitha kienet titbandal ħelu ħelu donnha bis-*slow motion* u ċ-ċineg tas-sandli jleqqu qishom strixxi tal-mirja, "gżira żgħira xorta waħda jista' jkollha l-isbaħ għeġubijiet. Anzi jien naħseb li xi drabi tista' tkun f'qagħda wisq aħjar mill-artijiet il-kbar ..."

"Aħjar mill-Afrika u t-Tramuntana?!" qam jgħajjat Merkurju.

"Iva, aħjar," weġbitu Djana waqt li qabbżet sidirha 'l quddiem u fetħet aktar l-iskoll tal-libsa. "Ejjew naħsbu ftit: gżira daqs tikka ġo nofs baħar kbir! Biż-żmien ikollha klima perfetta bla sħana

jew ksieħ esaġerati. In-natura tiksi kullimkien f'qasir żmien. Siġar bir-rimi u għasafar bil-gzuz. Kollox fiċ-ċokon ... iżda ambjent perfett. U l-poplu jibqa' verġni. 'Il bogħod mit-taħwid tal-artijiet il-ġganti. U waħdu waħdu fuq dik il-gżira ta' ġmiel, dak il-poplu ma jkun jonqsu xejn. Forsi anki jiżviluppa lsien tiegħu li jkun differenti mill-ilsna l-oħra. U ħadd ma jkun jista' jniġġislu ruħu ..."

"U mhux hekk biss," indaħal Nettunu ferħan għall-aħħar li Djana kienet miegħu, "meta gżira daqs tikka jkollha klima ħelwa, ambjent li jgħaxxqek u lsien waħdieni, ma jkun jonqosha xejn. M'hawnx għalik Djan, qatt ma kont naf li għandek ħsibijiet daqshekk nobbli!"

"Iżda dan kollu hu biss ħolm," qam jitbissem Apollu, "ejjew inħarsu mill-ġdid lejn il-ġejjieni."

U l-globu tal-kristall reġa' tfaċċa u dehru mill-ġdid l-ilwien ikanġu minn tarf għal ieħor tal-ispektru. L-idejn reġgħu ngħaqdu flimkien u daru ċirku tond. Id-dehriet bdew jiċċaraw u jitħarrku ...

* * *

"Ta' spiss niġi lil hawn," qal Patrick lil Joe, fil-ħin li waqfu jħarsu lejn is-siġar xjuħ tal-prinjoli mimlijin bil-boċċi tar-raża.

"Sabiħ hawn," kompla Joe, "qatt ma kont ġejt